MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 622/2010

**Louis u Josephine konjugi Vella**
**(ID-1063548M u 816347M rispettivament)**

**vs**

**Carmel u Desiree konjugi Zarb**
**(ID-582178M u 519674M rispettivament)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' danni globalment ammontanti ghal seba' mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u ghoaxrin centezmu (€768.28c) oltre l-imghax legali mid-19 ta' April, 2008 rapprezentanti hsarat sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' incident li gara fid-19 ta' April, 2008 ghal habta tat-3.15p.m. meta b'mod abbuziv u illegali Carmel Zarb hebb ghal Louis Vella u kkawzalu griehi f'wiccu, sidru u saqajh billi kissirlu n-nuccali f'wiccu, ghamilu hsara fil-vettura ***ZAN 222*** b'daqqiet ta' ponn u bis-sieq kif ukoll kissirlu l-mobile,

liema hsara tammonta ghal mittejn u seba' Ewro u wiehed u tlettin centezmu (€207.31c) mobile, hsara fil-vettura erba' mija u sebgha u hamsin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€457.97c), nuccali tlieta u erbghin Ewro (€43) u spejjez ta' surveyor sittin Ewro (€60).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu, 2010 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti, li permezz taghha eccepew illi t-talbiet kif mressqa ghandhom jigu michuda stante li l-fatti kif allegati mir-rikorrenti Vella huma inveritieri u ma jirriflettux l-incident kif sehh dak inhar gewwa Cirkewwa; illi l-konjugi Vella, specifikament Louis Vella qatt ma:- (i) intlaqat f'wiccu jew xi parti ohra ta' gismu mill-intimati, (ii) illi waqt l-istess incident qatt ma tkissru nuccalijiet jew mobiles; (iii) illi kien l-istess Louis Vella li ta daqqa ta' bieba bil-vettura tieghu lil Carmel Zarb u b'hekk intlaqtet mera fl-istess bieba; l-istess mera regghet giet irrangata fuq il-vapur lejn Ghawdex. Ghalhekk id-danni vantati huma totalment foloz u malintizi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz tal-affidavit tieghu, l-attur xehed illi dakinhar li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, hu u martu kienu rekbin fil-karozza sejrin fid-drezzjoni tac-Cirkewwa, bil-ghan illi jaqbdu l-vapur ghal Ghawdex. Xehed illi meta wasal l-Ghadira, f'dik il-parti tat-triq qrib fejn wiehed jista' idur fuq in-naha tal-lemin sabiex imur lejn l-Armier, innota vettura fit-triq "kwazi wieqfa", li l-attur hasibha kienet ser iddur lejn l-Armier, u ghalhekk ghamel manuvra ta' sorpass u ghadda 'l gewwa minn din il-vettura, u baqa' sejjer fi triqtu lejn ic-Cirkewwa. Illi jghid ukoll illi ftit wara li ghadda din il-vettura sema' l-hoss ta' horn, madanakollu, baqa' sejjer.

Illi eventwalment meta waslu c-Cirkewwa, u kienu qed jistennew fil-karozza taghhom stess, flimkien ma' karozzi ohra sabiex jirkbu l-vapur ghal Ghawdex, fil-hin u l-mument avvicinah il-konvenut li kkonfrontah dwar il-manuvra ta' sorpass li kien ghamel precedentement. Illi l-attur xehed illi hekk kif hu rrispondih, l-istess konvenut hebb ghalih minn got-tieqa tal-karozza, tah xi daqqiet tal-ponn f'sidru u anke bezaq ghal fuqu. Illi imbaghad l-istess konvenut ta daqqa ta' sieq fil-bieba ta' wara tal-karozza, u meta l-attur hareg mill-karozza tieghu sabiex jara x'kien ghamel il-konvenut, l-istess konvenut rega' tah daqqa ohra, din id-darba bis-sieq, u anke kisser il-mera tan-naha tal-lemin tal-karozza tal-attur.

Illi imbaghad l-attur mar fittex l-assistenza tal-Pulizija, li anke avvicinaw lill-konvenut, u hejjew rapport dwar dan l-incident.

Illi da parti tieghu, il-konvenut xehed illi dakinhar hu wkoll kien sejjer fid-direzzjoni tac-Cirkewwa, bil-ghan illi jaqbad il-vapur ghal Ghawdex, u fil-karozza mieghu kellu rekbin il-familja tieghu u l-mara ta' huh. Xehed illi nnota vettura gejja minn warajh b'velocita', u li din ghamlet manuvra ta' sorpass min-naha tax-xellug tieghu, b'konsegwenza ta' liema manuvra, hu kellu jigbed il-karozza tieghu lejn in-naha tal-lemin, sabiex jevita li jsehh impatt. Illi b'konsegwenza ta' tali manuvra, il-karozza misjuqa mill-konvenut spiccat fil-karreggjata opposta, u ghalkemm tali manuvra ma' kellha ebda konsegwenzi, il-persuni li kienu fil-karozza mieghu inhasdu u hadu qatgha.

Illi eventwalment, meta wasal ic-Cirkewwa, u kienu qed jistennew fil-*queue* sabiex jaqbdu l-vapur ghal Ghawdex, hu hareg mill-karozza sabiex imur jippassiggja, kif solitament jaghmel. Xehed illi waqt li kien qed jippasseggja, innota l-vettura li kienet ghamlet dik il-manuvra ta' sorpass, u mar sabiex ikellem lis-sewwieq ta' dik il-vettura dwar dak li kien gara.

Illi xehed illi ghall-ewwel is-sewwieq ta' dik il-vettura donnu ma tax kasu, u imbaghad irrispondih, u peress illi

tah x'jifhem li ma kienx interessat fl-ilment tal-konvenut, dan tal-ahhar irrabja, u bezaqlu. Illi imbaghad meta l-konvenut kien ser iwarrab minn hdejn il-karozza, l-attur hareg mill-karozza tieghu stess, u l-mera tal-bieba tal-lemin tal-karozza tal-attur habtet ma id, jew dahar l-attur, bil-konsegwenza illi din inqalet minn postha.

Illi l-konvnut imbaghad xehed illi l-attur hebb ghalih, u hu beda jipprova jzommu milli jolqtu; ftit tal-hin wara, lill-konvenut avvicinawh Ufficjali tal-Pulizija, li hadulu d-dettalji personali tieghu. Illi hadd aktar ma kien involut f'dan l-incident, u eventwalment kemm l-atturi u anke l-konvenuti qabdu l-vapur lejn Ghawdex.

Illi xehdu wkoll il-konvenuta u l-mara ta' hu l-konvenut, li stqarru li meta kienu qed jistennew sabiex jirkbu l-vapur ic-Cirkewwa, ma raw ebda incident jew tilwim isehh bejn l-attur u l-konvenut, u lanqas li semghu xi storbju jew kommozzjoni relatati ma' xi argument jew glieda. Madanakollu, qalu li raw lill-konvenut ikellem lill-attur, li l-karozza tieghu kienet madwar hames jew sitt karozzi lura minn dik li kienu jinsabu fiha huma. Illi din il-karozza kienet f'ringila differenti, u cioe' 'l gewwa mir-ringila li kienet ipparkeggjata fiha l-karozza misjuqa mill-konvenut.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, irrizulta illi kien hemm tilwima bejn l-attur u l-konvenut, u dan meta dan tal-ahhar avvicina lill-attur waqt illi kienu pparkeggjati qed jistennew li jirkbu fuq il-vapur ta' Ghawdex. Illi l-konvenut jikkonferma illi kien hu li avvicina lill-attur, u li hu bezaqlu waqt illi l-attur kien riekeb fil-karozza tieghu.

Illi tali azzjoni kkawzat reazzjoni mill-attur, bil-konsegwenza illi zviluppat xi forma ta' glieda bejniethom. Illi l-attur min-naha tieghu jghid illi safa' l-vittma ta' aggressjoni min-naha tal-konvenut, filwaqt illi dan tal-ahhar, jittenta jaghti l-impressjoni illi l-attur kien aggressiv mieghu wkoll, u li hareg mill-karozza sabiex ihebb ghalih. Illi fil-fehma tat-Tribunal, li huwa pertinenti f'dan ir-rigward sabiex wiehed ikollu stampa aktar cara ta' x'realment

gara, huwa dak li jirrizulta mir-rapport tal-Ufficjali tal-Pulizija (*a fol.* 30) li kellmu lill-partijiet, u aktar specifikament f’dik il-parti tar-rapport taghhom fejn huma ddikjaraw illi waqt illi kienu qed ikellmu lill-partijiet, il-konvenut – quddiem l-Ufficjali tal-Pulizija in kwistjoni – baqa’ jghid diskors abbuziv u ta’ theddid fil-konfront tal-attur (*a fol.* 33).

Illi tali agir da parti tal-konvenut huwa indikattiv ta’ aggressivita’ eccessiva fil-konfront tal-attur, u li tikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-istess attur f’dak li jirrigwarda l-mod kif zviluppat it-tilwima bejniethom. Illi oltre dan, il-fatt illi l-vettura tal-atturi kienet f’ringila differenti minn dik misjuqa mill-konvenut, u kienet wahda fost hafna ohra li kienu qed jistennew il-vapur, izda li l-konvenut xorta wahda gharafha, u hass il-bzonn li javvicina lis-sewwieq taghha dwar il-manuvra ta’ sorpass li ghamel, hija wkoll indikazzjoni ta’ kemm il-konvenut kien deciz li jiehu xi forma ta’ sodisfazzjon minghand is-sewwieq tal-vettura l-ohra.  Illi ghalhekk hija aktar verosimili l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur dwar l-incident li sehh fid-19 ta’ April, 2008, u li hu, u l-proprjeta’ tieghu, sfaw il-vittma ta’ aggressjoni da parti tal-konvenut.

Illi dawn il-fatturi kollha jwasslu lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment illi l-konvenut aggreddixxa lill-attur, u li bl-azzjonijiet tieghu kkawza hsara fil-vettura proprjeta’ tal-atturi.

Illi f’dak li jirrigwarda d-danni reklamati mill-atturi, u aktar specifikament il-hsarat ilmentati fil-vettura proprjeta’ tal-atturi, dawn qed jigu meqjusa bhala gustifikati.  Illi l-hsarat ilmentati ggarbu f’dik in-naha tal-karozza fejn kien qieghed bil-wieqfa l-konvenut meta nqala’ l-inkwiet bejniethom, u cioe’ n-naha tal-lemin taghha, u f’dak li jirrigwarda l-mera tal-vettura, l-istess konvenut – anke permezz tar-risposta tieghu – ikkonferma li garrbet il-hsara waqt it-tilwima, u li din ssewwiet temporanjament mill-attur sabiex ikun jista’ jkompli jaghmel uzu minnha.  Illi r-rapprezentant tal-istabbiliment fejn giet imsewwija l-vettura tal-attur, ikkonferma li din il-mera kellha tinbidel ghaliex kienet tqacctet minn postha, oltre illi kkonferma l-kontenut tar-

ricevuta rilaxxjata minnhom relattiva ghat-tiswija li saret fuq il-vettura tal-atturi (*a fol.* 52), u liema spejjez hallas ghalihom l-istess attur.

Illi f'dak li jirrigwarda l-allegati hsarat li rrizultaw fin-nuccali tax-xemx tal-attur u l-mobile phone tieghu, it-Tribunal huwa tal-fehma li dawn ma humiex dovuti. Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat illi l-hsara lmentata fin-nuccali tax-xemx tal-atturi, u li tirrizulta minn diversi ritratti pprezentati minnu, ma jwassalx lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment illi tali difett necessarjament irrizulta konsegwenza tal-incident mertu ta' din il-kawza, u li kien hemm il-htiega illi dan in-nuccali tax-xemx kien mehtieg li jinbidel. Illi f'dak li jirrigwarda l-mobile phone, l-attur ma wassalx ghall-konvinciment illi dan jehtieg illi jinbidel mill-attur minhabba hsara li garrab konsegwenza ta' dan l-incident, ghaliex filwaqt illi l-attur ipprezenta r-ricevuta relattiva ghall-akkwist tieghu – liema ricevuta tmur lura ghas-sena 2005 (*a fol.* 75) – ma giet ipprezentata ebda ricevuta datata *ex post facto* l-incident – ghalkemm kienu ghaddew qrib sentejn – li turi li sar xi tentattiv sabiex dan jissewwa jew li l-attur akkwista mobile phone iehor. Illi ghalhekk fir-rigward it-talba ghall-hlas ta' dawn id-danni specifici, dawn ma humiex gustifikati.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa' *in parte* t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u sbatax-il Ewro u sebgha u disghin centezmu (€ 517.97c), bl-imghax mis-16 ta' Marzu, 2010.

Bl-ispejjez jithallsu mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------